# Il-Kriżi Ekoloġika

Dr Paul Pace

**Fil-bidu...**

Fl-ewwel artiklu tal-Kredu nistqarru li nemmnu "... *f'Alla l-Missier li jista' kollox li **ħalaq is-sema u l-art**".* Din l-espressjoni popolari, ripetuta wkoll fl-ewwel vers tal-Ġenesi, tfisser li Alla ħalaq kollox "... *dak kollu li jidher u dak li ma jidhirx*". Għalkemm Alla ma kellux bżonn tal-ħolqien għall-glorja tiegħu, il-ħolqien hu xhieda tanġibbli tal-kobor t'Alla. Il-ħolqien hu prodott ta' l-imħabba u t-tjieba t'Alla; opportunità li permezz tagħha Alla ried jagħti żvog għall-imħabba kbira tiegħu.

Kien għalhekk li Alla ħalaq il-bniedem fuq xbieha tiegħu; ħalli jkun jista' joffrilu dan ir-rigal sabiex jamministrah b'għaqal u b'imħabba (Ġen 2:15). Minħabba li skont il-pjan t'Alla l-bniedem kellu jkompli fejn ħalla Alla – jiġifieri li b'għemilu jġedded wiċċ l-art – l-awtur ta' l-ewwel kapitlu tal-Ġenesi jpinġi lill-bniedem bħala l-qofol tal-ħolqien. Mhux ta' b'xejn li l-kapitlu jgħalaq billi jippreżenta lil Alla jħares "*...lejn kull ma kien għamel, u , ara, kollox kien tajjeb **ħafna*** " (Ġen 1:31). Imbagħad it-tieni kapitlu jibda billi juri lil Alla jistrieħ mill-biċċa xogħol li kien wettaq (Ġen 2:2) għax issa seta' jħalli kollox f'idejn il-bniedem - li bħala amministratur responsabbli jaħdem u jħares il-ħolqien (Ġen 2:15).

> "... mhux talli m'hemmx kunflitt bejn il-bniedem u l-ambjent talli hemm relazzjoni dejjiema li fiha l-ambjent jikkundizzjona l-ħajja u l-iżvilupp tal-*bniedem*; filwaqt li, bl-attività kreattivà tiegħu, il-bniedem jipperfezzjona u jtejjeb l-ambjent."[1]

Aspett ieħor li joħroġ ċar mir-rakkont tal-Ġenesi hu l-armonija li Alla niseġ fil-ħolqien: li kollox hu marbut flimkien ... li l-ħlejjaq jiddependu fuq xulxin. U l-bniedem, għalkemm sid il-ħolqien, xorta

jagħmel parti intima minn din in-nisġa ta' interrelazzjonijiet ... min din l-ekosistema. Din l-armonija bejn il-partijiet kollha tal-ħolqien hi kundizzjoni bażika biex ikollok ambjent f'saħħtu. Il-mekkaniżmi li hemm jaħdmu fl-ekosistema jiżguraw li jinżamm bilanċ bejn il-partijiet kollha tagħha, li jkun hemm ikel għal kulħadd u li xejn ma jinħela. Din l-armonija kienet il-mutur li wassal sabiex il-ħajja tevolvi fil-forom kollha tagħha.

Mhux ta' b'xejn li waqt li jirrifletti fuq dak li għamel Alla u dwar kif poġġa lill-bniedem *fuq l-għemejjel kollha* ta' jdejh is-Salmista jinfexx ifaħħar 'l Alla u jistqarr "*Mulej, Sid tagħna, kemm hu kbir ismek fl-art kollha!*" (Salm 8: 1).

**Pjanijiet oħra ...**

Madanakollu l-bniedem kellu pjanijiet oħra. Ir-rakkont tal-Ġenesi jkompli jurina kif, b'għażla ħielsa, l-bniedem għażel li jwarrab lil Alla mill-mod kif jamministra l-ħolqien – deċizjoni li wasslet sabiex il-bniedem farrak l-armonija li kellu mal-ħolqien, ma' bnedmin oħra u ma' Alla l-Ħallieq.

Esperti arkejoloġiċi jixhdu kif żviluppa l-bniedem fuq il-pjaneta tagħna fl-imgħoddi. Sa mill-bidu għandna provi ta' kif il-bniedem uża d-dehen li Alla żejnu bih sabiex jagħmel l-aħjar użu mill-art u l-frott tagħha. L-iżvilupp mgħaġġel tal-bniedem kien ikkaratterizzat minn kemm il-bniedem għaraf jaddatta ruħu għall-ambjenti u r-riżorsi differenti. Minħabba dan is-suċċess il-popolazzjoni umana kibret sew u l-bniedem ikkollonizza, tista' tgħid, il-pjaneta kollha. Madanakollu, dan l-iżvilupp kien marbut b'rabta intima ma' l-għarfien u r-rispett tal-limiti, ir-regoli u ċ-ċikli naturali. Il-bniedem kien konxju li minkejja t-taħbit tiegħu l-art mhux dejjem kienet troddlu dak li jixtieq. Il-bniedem kien kontinwament konxju li hemm forza akbar minnu li kellha impatt fuq dak kollu li kien jagħmel. Għalhekk, il-fatt li "*il-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi*" kien magħġun mal-ħajja normali ta' l-individwu tant li f'diversi tradizzjonijiet – anke dawk mhux Insara – insibu l-użanza li wieħed iżid l-espressjoni "*Jekk Alla jrid*" meta jitkellem fuq il-pjanijiet tiegħu.

Ir-Rivoluzzjoni Industrijali kien perjodu (bejn l-aħħar tas-seklu 18 u l-bidu tas-seklu 19) li wassal għal żviluppi kbar fl-oqsma ta'

l-agrikultura, it-trasport, il-produzzjoni u l-manifattura – żviluppi li ħallew impatt ekonomiku, soċjali u kulturali kbir fuq il-popolazzjoni. Bid-dehen tiegħu il-bniedem ħoloq żviluppi li setgħu jtejbulu l-kwalità tal-ħajja tiegħu. Issa l-bniedem kien kiseb iċ-ċavetta li permezz tagħha seta' jikkontrolla ħafna mil-limiti li qabel kienu jikkontrollawh. Il-bniedem seta' jivvjaġġa minn post għall-ieħor u jiskopri aktar riżorsi b'aktar faċilità. Bl-inġenji li fassal seta' jaħdem uċuħ ta' l-art akbar minn qabel. Maż-żmien, bl-avvanzi fix-xjenza, l-bniedem beda jifhem aktar il-mod kif taħdem in-natura u għalhekk beda jikkontrolla l-mard, ibassar d-diżastri naturali u jaħdem biex jikkontrollhom.

Imma, sfortunatament, l-istorja tal-Ġenesi rrepetiet ruħha. Il-bniedem siker b'dan il-poter ġdid li kiseb u ħaseb li issa ħadd ma jista' għalih ... anzi li d-dipendenza li kien iħoss qabel minn entitajiet divini kienet biss frott is-superstizzjoni u l-injoranza. Il-bniedem spiċċa biex poġġa l-kisba għall-poter u l-flus bħala l-għan prinċipali ta' l-iżvilupp tiegħu. Għalhekk, bl-iskuża ta' l-iżvilupp, il-bniedem qered numru kbir ta' ħlejjaq, ħakem u ppersegwita diversi popli, irrovina ħafna ambjenti u niġġes l-arja, l-art, l-ilma u l-baħar. Il-poter dejjem jikber tal-bniedem fuq in-natura ma mexiex id f'id ma' l-iżvilupp ta' responsabbiltà fl-aġir tiegħu, li suppost kibret bl-istess mod. Il-bniedem ġab ruħu bħala amministratur ħażin li berbaq, ħassar u kasbar il-wirt li Alla fdalu f'idejh. Il-Papa Ġwanni Pawlu II jwissi li

> "... *din is-sitwazzjoni tnissel sens ta' inċertezza u nuqqas ta' sigurtà li huma l-għerq ta' l-egoiżmu kollettiv, in-nuqqas ta' rispett lejn l-oħrajn u d-diżonestà.*"[2]

Il-Papa Benedittu XVI itenni l-istess ħsieb:

> "*Il-qerda ta' l-ambjent, l-użu mpropju u egoist tiegħu, u l-ħażna selvaġġa tar-riżorsi tad-dinja jikkawżaw inġustizzji, kunflitti u gwerer, għax huma l-frott ta' viżjoni inumana ta' żvilupp. Fil-fatt, jekk żvilupp ikun limitat biss għall-aspett teknoloġiku-ekonomiku, u ma jikkonsidrax id-dimensjoni morali-reliġjuża, ma jistax ikun parti integrali mill-iżvilupp tal-bniedem, anzi jkun distorsjoni tar-realtà li twassal lill-bniedem biex jirrikorri għall-kapaċità distruttiva tiegħu.*"[3]

## Kriżi ekoloġika hi kriżi morali

Nistgħu ngħidu liberament li kien fis-snin 60 li l-bniedem, permezz ta' diversi gruppi ambjentali, beda jistembaħ u jinduna bil-ħsara ambjentali li kien qed jiġġenera u l-impatt negattiv li kien qed jikkawża fil-kwalità tal-ħajja tiegħu u ta' bnedmin oħra. Fuq livell internazzjonali dan l-għarfien ingħata fl-ewwel Konferenza fuq l-Ambjent Uman organizzata mill-UNESCO fi Stokkolma fl-1972. Din il-konferenza saħqet fuq ir-rwol u r-responsabbiltà li għandu l-bniedem lejn l-ambjent u lejn il-ġenerazzjonijiet futuri. Id-delegati, minn 113-il nazzjon, għarfu wkoll li l-kwistjonijiet ambjentali dinjija m'għandhomx fruntieri u li s-soluzzjoni għalihom tinstab biss f'koperazzjoni internazzjonali.

Punt importanti ieħor, li ħareġ minn din il-konferenza kien li interessi ambjentali u interessi marbutin ma' l-iżvilupp m'għandhomx ikunu f'kunflitt imma għandhom ikunu kumplimentari. Is-sotto-żvilupp hu l-għerq tad-degradazzjoni ambjentali u kull attentat sabiex titjieb il-kwalità ta' l-ambjent għandha tkun imsieħba ma' attentati biex titjieb il-kwalità tal-ħajja. Dan il-ħsieb kompla jiżviluppa fil-kunċett ta' l-Iżvilupp Sostenibbli li kkaratterizza l-laqgħat internazzjonali fuq l-ambjent li segwew wara.

Żvilupp sostenibbli hu żvilupp li "*... jissodisfa l-bżonnijiet tal-lum mingħajr ma jikkomprometti l-possibiltà li l-ġenerazzjonijiet futuri jissodisfaw il-bżonnijiet tagħhom.*"[4] Dan il-kunċett hu attentat sabiex nerġgħu nibdew nirraġunaw b'mod ħolistiku ... li nerġgħu naraw dik l-armonija li kien hemm fl-ambjent u naħdmu bis-serjetà sabiex nerġgħu nistabilixxuha. Matul is-snin ippruvajna nsolvu problemi ambjentali bil-biċċiet b'konsegwenza li filwaqt li nħollu tarf tal-problema nispiċċaw sabiex inħabblu partijiet oħra. Per eżempju, kien hemm moviment qawwi (li deher anke f'pajjiżna) li kien iħares lejn il-bniedem biss bħala il-kawża għall-problemi ambjentali u mhux is-soluzzjoni. Għalhekk ippruvajna nsolvu ċertu problemi billi nagħtu ħafna enfasi fuq l-infurzar bil-liġi aktar milli fuq l-edukazzjoni. Filwaqt li l-infurzar tal-liġijiet ambjentali hi strateġija mportanti sabiex tipprotegi l-ambjent, madanakollu l-esperjenza u r-riċerka uriet li jekk trid soluzzjonijiet dejjiema trid teduka liċ-ċittadin.

L-edukazzjoni ambjentali għandha l-għan li tissensibilizza liċ-ċittadini dwar ir-realtajiet ta' madwarhom, tgħinhom jaraw l-impatti ta'

l-aġir tagħhom u tgħinhom isibu soluzzjonijiet għall-kwistjonijiet li huma aċċettabbli għalihom u għal dawk ta' madwarhom ... dak li ħafna jirreferu għalih bħala 'l-ġid komuni'. Għax wara kollox, żvilupp sostenibbli jinvolvi li fid-deċiżjonijiet li nieħdu biex niżviluppaw l-ambjent, nippruvaw inżommu bilanċ bejn l-interessi ekoloġiċi, soċjali u ekonomiċi ... mingħajr ma nħallu l-ebda waħda minn dawn barra.

Forsi għal xi wħud din tista' tidher ħolma, imma madwar id-dinja jeżistu għadd kbir ta' eżempji ta' inizjattivi bħal dawn – jiġifieri proġetti li fihom nies (ta' kull tip ta' età, razza, klassi u impjieg) jgħaddu minn proċess edukattiv li jgħinhom jadottaw stili ta' ħajja sostenibbli. Programm effettiv ta' edukazzjoni ambjentali jeħtieġ preparazzjoni professjonali li mhux biss toffri lil min jipparteċipa opportunità li jikseb it-tagħrif imma li jiżviluppa ħiliet, attitudnijiet u valuri li jippreparawh biex jieħu sehem attiv u impenjat fl-iżvilupp sostenibbli ta' l-ambjent tiegħu.

Fil-kuntest ta' Malta, dan kollu għandu sinifikat akbar minħabba d-daqs żgħir tagħna. Malta għandha densità ta' popolazzjoni li hi fost l-aktar għolja fid-dinja. Il-fatt li hi gżira żgħira wassalha biex ikollha ambjent b'bijo-diversità għolja u f'xi każijiet unika fid-dinja. Matul is-snin, il-pożizzjoni ġeografika u strateġika tagħha wassluha wkoll biex tiżviluppa f'ġojjell kulturali li joffri esperjenzi li ma ssibx bħalhom f'postijiet oħra. Madanakollu, l-ambjent ta' gżiritna hu vulnerabbli ħafna u ta' spiss ikun attakkat minn proġetti ta' żvilupp li mhumiex sostenibbli. Illum hu fatt magħruf u ddokumentat li entitajiet li suppost ivvalorizzaw u pproteġew l-ambjent naturali u soċjo-kulturali ta' pajjiżna kienu minn ta' l-ewwel li offrewh sagrifiċċju minħabba interessi ekonomiċi.

Biex tkompli tħawwad il-biegħa, snin twal ta' kolonjaliżmu nisslu fil-poplu Malti attitudni passiva lejn l-ambjent. Għalkemm, f'dawn l-aħħar snin rajna żvilupp lil hinn minn din l-attitudni, xorta għadek tiltaqa' ma' persuni li jħossu li l-awtoritajiet huma dawk li huma responsabbli mill-ambjent. Din hi attitudni żbaljata. Minħabba li l-kwalità tal-ħajja tiddependi mill-kwalità t'ambjent li ngħixu fih, l-ambjent hu r-responsabbiltà ta' kulħadd... kulħadd skont ir-rwol li għandu jew għandha fis-soċjetà. Minħabba f'hekk jeħtieġ li jitwaqqfu

u jissaħħu strutturi li joffru opportunitajiet li jiffaċilitaw il-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni attiva ħalli l-awtoritajiet u s-soċjetà ċivili jaqsmu flimkien din ir-responsabbiltà. Din ir-responsabbiltà tieħu dimensjoni oħra għan-Nisrani.

### Responsabbiltà ambjentali Nisranija

> "*Trid issir il-bidla: Minn sfruttament tan-natura għal apprezzament tan-natura ... Mill-mit tal-progress tal-bniedem bla limiti, għal ħsieb ta' progress li jrid jimxi pass pass anki man-natura u ma' l-ambjent... Minn kliem biss, għal leġislazzjoni ċara fuq il-problemi ta' l-ambjent... Minn kultura ta' konsum u individwaliżmu għal kultura ta' solidarjetà, u ta' għażla vera tal-bżonnijiet.*"[5]

Imma sabiex isseħħ din il-bidla jeħtieġ bidla radikali interjuri, inkella hemm il-periklu li nkunu qed nikkuraw is-sintomi u mhux il-kawża tal-problema. Id-dokument influwenti *Caring for the Earth* ipoġġi bħala l-ewwel prinċipju sabiex niffurmaw soċjetà sostenibbli r-rispett lejn u l-kura tal-komunità tal-ħajja[6]. U l-Knisja testendi dan il-prinċipju sabiex tinkludi l-apprezzament għall-valur tal-persuna u l-ħajja umana. Għalhekk il-bidla meħtieġa ma tistax tibqa' biss fuq livell teknoloġiku u xjentifiku, imma għandha tkun marbuta ma' proċess ta' riflessjoni fuq l-istili ta' ħajja u l-għażliet personali ta' kull persuna. Għan-Nisrani dan ifisser proċess ta' konverżjoni għall-valuri Evanġeliċi.

Il-Ktieb tal-Ġenesi jibda billi jippreżentalna lil Alla joħloq l-ordni mill-kaos (Ġen 1:1-2). Id-dnub hu l-għerq ta' kull azzjoni li twassal sabiex tfixkel il-pjan t' Alla li fil-ħolqien issaltan l-armonija. Għalhekk id-dnub jipprova jerġa' jġib il-kaos fid-dinja. Bil-mewt u l-qawmien tiegħu Ġesù jifdi wkoll lill-ħolqien mill-kaos li ħoloq il-bniedem bid-dnub.

B'min u kif Se sseħħ din il-fidwa? Il-Knisja – ġemgħa nies li jfittxu li jagħmlu r-rieda tal-Missier – bħala l-ġisem Mistiku ta' Kristu, tidħol sabiex permezz ta' l-imġieba ta' l-Insara u l-valuri li jħaddnu tkun dawl għad-dinja u toffri soluzzjoni dejjiema għall-kriżi ekoloġika. Fl-Ittra tiegħu lir-Rumani, San Pawl ifisser dan kollu hekk:

> "*It-tbatijiet ta' issa ma' għandhom xejn x'jaqsmu mal-glorja li għad trid tidher fina. Il-ħlejjaq kollha qegħdin jistennew ħerqana r-rivelazzjoni ta' wlied Alla ... bit-tama li l-ħlejjaq huma wkoll għad ikunu meħlusa mill-jasar tat-taħsir u jiksbu l-ħelsien tal-glorja ta' wlied Alla.*" (Rum 8: 18-19, 21).

Għalhekk in-nisrani (u l-Knisja) ma jistax jibqa' sieket u ma jimpenjax ruħu biex jidħol għar-responsabbiltà li Alla l-Ħallieq afdalu f'idejh. Skont il-Papa Benedittu XVI dan il-qawmien ekoloġiku fi ħdan il-Knisja hu mezz tanġibbli kif in-nisrani jista' juri bil-fatti mħabbtu lejn min hu batut, lejn il-marid, lejn il-fqir u lejn il-ġenerazzjonijiet ta' għada ... mezz prattiku kif iwettaq ix-xewqa li "*... tiġi saltnatek, ikun li trid int fis-sema hekk fl-art*".

## Noti

1. Mill-indirizz tal-Mons. Celestino Migliore waqt it-62 sessjoni ta' l-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (29.10.07)
2. Mill-Ittra għall-Jum il-Paċi tal-Papa Ġwanni Pawlu II: "*Paċi m'Alla l-Ħallieq, Paċi mal-Ħolqien kollu*". (01.01.90)
3. Mill-Ittra għall-Jum il-Paċi tal-Papa Benedittu XVI: "*Il-Persuna Umana, fil-Qalba tal-Paċi*". (01.01.07)
4. WCED (World Commission on Environment and Development) (1988) *Our Common Future.* Oxford: Oxford Press
5. Mill-artiklu ta' l-Arċisqof Pawl Cremona O.P. "*L-Ekoloġija*" mir-rivista 'Knisja 2000' – Nru.51, Jannar-Marzu 2000.
6. IUCN/UNEP/WWF (1991) *Caring for the Earth. Strategy for Sustainable Living.* Gland, Switzerland.